MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 620/2002

**Avviz numru 620/2002DM**

**Is-Socjeta Nola Limited**

**vs**

**Is-Socjeta Ceiling Services Limited (CSL) (C16547) u
Is-Socjeta SCF Holdings Limited (C16113)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti sabiex dawn ihallsu s-somma ta' tlett elef u sitta u hamsin lira Maltin u seba' u sebghin centezmi (Lm3056.77) rappresentanti prezz bhala bilanc fuq somma akbar, ta' materjal elettriku u electricity cable suppliti mis-socjeta attrici lis-socjetajiet konvenuti fuq ordni ta' l-istess konvenuti u dan kif jidher mill-istatement anness mall-avviz immarkat dokument A u kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l –konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar tas-sena 2003 fejn Dr Carmel Chircop ghall-konvenuti kien ikkontesta t-talba u l-Qorti kienet iffissat zmien ta' hmistax (15) il-jum ghal prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet

Rat in-nota tal-atturi tas-17 ta' Jannar tas-sena 2003 permezz ta' liema huma kienu cedew il-kawza fil-konfront biss tas-socjeta konvenuta SCF Holdings Limited izda zammew ferm it-talbiet taghhom fil-konfront tas-socjeta l-ohra konvenuta Ceiling Services Limited.

Ikkonstatat illi ghalkemm il-konvenuti Ceiling Services Limited kienu kkontestaw it-talba huma ma pprezentawx in-nota tal-eccezzjonijiet formali u lanqas ma gabu ebda prova in kontestazzjoni ta' dak li qeghdin jitolbu l-atturi.

Rat ukoll illi l-konvenuti ma dehrux biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li rat id-dokument esibit issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tilqa t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti Socjeta Ceiling Services Limited u tikkundanna lill dawn il-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma ta' (Lm2056.77) elfejn u sitta u hamsin lira Maltin u seba' u sebghin centezmi stante n-noti ta' riduzzjoni pprezentati respettivament fis-7 ta' Marzu u fl-14 ta' Marzu 2003, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 t'Ottubru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Ceiling Services Limited.

---------------------------------TMIEM---------------------------------